

# Il-kwadru ta' San Feliċ minn Cantalice ma' San Filippu Neri

*fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali tal-Floriana*

**minn Rev Dr Martin Micallef OFMCap**

Fis-sena li ħriġna minnha, jiġifieri l-2015, ġie mfakkar il-V Ċentinarju mit-twelid ta' San Feliċ minn Cantalice, Fra Kapuċċin. Forsi ftit huma dawk li jafu li fost il-kwadri sbieħ li jżejnu s-Sagristija tal-knisja Arċipretali tal-Floriana, insibu wieħed imdaqqas li juri lil dan il-qaddis Kapuċċin ma' San Filippu Neri (ritratt lemin), żewġ qaddisin kontemporanji u ħbieb kbar ta' xulxin.



Ma jidhirx li s'issa hawn tagħrif ta' min seta' pitter dan il-kwadru jew kif sab ruħu f'din il-knisja. Li nafu fiż-żgur hu li dan il-kwadru jirrappreżenta xena tipika mill-ħajja ta' San Feliċ li hija ripetuta f'numru ta' pitturi u inċiżjonijiet oħra ta' dan il-Kapuċċin fqajjar li kellu jkun l-ewwel wieħed fost l-Aħwa Minuri Kapuċċini li ġie ikkanonizzat fit-22 ta' Mejju 1712 mill-Papa Klement XI, wara li kien diġà iddikjarat Beatu fl-1625 mill-Papa Urbanu VIII.

Ix-xena ta' dal-kwadru sabiħ turi l-laqgħa ta' San Feliċ minn Cantalice ma' San Filippu Neri li t-tnejn għexu għal ħafna snin f'Ruma. Fil-fatt, fl-isfond ta' dan il-kwadru nistgħu naraw il-Kastell ta' Sant'Anġlu, kif inhu magħruf u li għadu wieqaf sal-ġurnata tal-lum qrib il-Vatikan. Dan hu l-post indikat minn dawk li kitbu l-ħajja ta' San Feliċ, meta jiġu biex jitkellmu minn episodju popolari ħafna fil-ħajja tiegħu li hu impitter fuq it-tila li tinsab imwaħħla f'din is-sagristija tal-Furjana. Imma qabel ma nitkellmu fuq dan l-episodju, xtaqt li nippreżenta ħjiel bijografu ta' San Feliċ sabiex napprezzaw aktar ix-xena ta' dan il-kwadru artistiku u sabiħ.

### Ħjiel mill-ħajja ta' San Feliċ minn Cantalice

Feliċ twieled fl-1515 fir-raħal ta' Cantalice, li jagħmel parti mill-Provinċja ta' Rieti, fl-Italja. Huwa kien it-tielet minn ħames ulied tal-familja Porri, familja rispettata li kienu jaħdmu l-għelieqi u jrabbu l-annimali għall-għejxien tagħhom. Dan ifisser li Feliċ twieled fl-istess sena meta twieled San Filippu Neri ġewwa Firenze, iż-żewġ qaddisin li aktar tard kellhom jiltaqgħu f'Ruma u jsiru ħbieb ta' xulxin.

Feliċ ingħaqad mal-Patrijiet Kapuċċini fl-aħħar jiem tax-xahar ta' Settembru jew bidu ta' Ottubru tal-1543 ġewwa Cittaducale, jiġifieri ftit snin wara li kien għadu kemm twaqqaf l-Ordni tal-Aħwa Minuri Kapuċċini fl-1528. Minn hemmhekk, il-Patri Gwardjan ta lil Fra Feliċ ittra ta' rakkomandazzjoni għas-Superjur tal-Kapuċċini ġewwa Ruma, minħabba li dan biss kellu l-awtorità li jilqa' lil dawk li xtaqu jingħaqdu mal-Patrijiet Kapuċċini.

Feliċ għalhekk telaq lejn il-kunvent ta' Ruma. Wara li qara l-ittra tal-Gwardjan ta' Cittaducale, il-Vigarju Provinċjali f'Ruma bagħat lil Fra Feliċ ġewwa Fiuggi fil-Provinċja ta' Frosinone

fejn kien hemm id-dar tan-Novizzjat. Kien f'dan il-kunvent fejn Fra Feliċ għamel is-sena tan-novizzjat bejn Ottubru tal-1543 sa Ottubru tas-sena ta' wara, fejn huwa ċċelebra d-29 sena minn għeluq sninu. Iżda minħabba raġunijiet ta' saħħa, lil Fra Feliċ ma ħallewhx jagħmel il-Professjoni tal-Voti Reliġjużi. Minflok, hu ġie mibgħut fil-kunvent ta' Monte San Giovanni Campano, fejn l-arja tal-post għenitu jirkupra saħħtu mill-ġdid. Fl-1545, wisq probabbli fit-18 ta' Mejju, huwa għamel il-Professjoni Reliġjuża bħala Kapuċċin.

Fl-ewwel snin ta' wara n-novizzjat, Fra Feliċ ġie mibgħut fil-kunvent ta' Tivoli, u wara f'dak ta' Viterbo u mill-ġdid ġewwa Tivoli, sakemm fl-1547 intbagħat fil-kunvent ta' Ruma fejn baqa' hemmhekk sakemm miet fit-18 ta' Mejju, 1587. Fra Feliċ qatt ma kellu xewqa li jsir saċerdot, li jistudja jew li jitgħallem jikteb u jaqra. Minflok ix-xewqa tiegħu kienet li jkun Reliġjuż tajjeb.

Il-kunvent ta' Ruma, fejn għex Fra Feliċ, kien kunvent kbir li fih kienu jgħixu numru kbir ta' Patrijiet ġejjin minn pajjiżi differenti. Ix-xogħol ta' Fra Feliċ kien li jieħu ħsieb jipprovdi l-ikel għal ħutu l-patrijiet. Ta' kuljum, għalhekk, għal 40 sena sħaħ, wara t-talb ta' filgħodu, huwa kien iħalli l-kunvent li kien jinsab taħt l-għolja tal-Quirinal f'Ruma, u b'ħorġa fuq spalltu kien iterraq fit-toroq ta' Ruma jiġbor iċ-ċirka.

Għalih it-toroq ta' Ruma kienu l-pulptu tiegħu. Kien f'dawn it-toroq li ltaqa' ma' tant nies ta' età u status soċjali differenti. Minn għandhom kien jiġbor iċ-ċirka tal-ħobż, żejt u nbid. Kien sar ħabib kbir ta' dawn in-nies, l-aktar tal-morda u l-fqar, u x-xhieda kbira tiegħu kienet xi ħaġa li ġibdet tant nies lejh.

Huwa kien jirringrazzja lin-nies li kienu jagħtuh xi ħaġa, meta kien iwieġeb b'frażi bil-Latin *Deo gratias*!, jiġifieri, irroddu ħajr lil Alla! Fra Feliċ kien jirrepeti spiss din il-frażi bħala gratitudni għal dak li kien jirċievi, b'mod illi din l-espressjoni tant saret parti minnu lin-nies ma damux ma laqmuh bħala 'Fra Deo gratias!' Mhux l-ewwel darba li filgħodu kmieni, wara li kien joħroġ mill-kunvent, kien jiltaqa' mas-seminaristi tal-Kulleġġ Ġermaniku li kienu



jattendu l-Kulleġġ Ruman, u filwaqt li kien iwaqqafhom, kien jitlobhom biex flimkien jgħidu: *Deo gratias*! U lkoll, madwar 50 b'kollox, kienu jgħajtu bil-ferħ: *Deo gratias*.

Fit-toroq ta' Ruma, Fra Feliċ għamel ħbieb saħansitra ma' Papiet, fosthom il-Papa Sistu V, u l-Papa Piju V, li għen finanzjarjament sabiex tinbena l-Belt Valletta. Dawn il-Papiet kienu jieqfu jkellmu lil Fra Feliċ, u jitolbuh jitlob għalihom. Fit-toroq ta' Ruma, Fra Feliċ, iżda ltaqa' wkoll ma' qaddisin, inkluż il-Papa Piju V li aktar tard ġie ddikjarat bħala qaddis. Fi żmien Fra Feliċ, f'Ruma kien hemm jgħixu tliet qaddisin kbar: Injazju ta' Loyola, Kamillu de Lellis u Filippu Neri. Jidher li Fra Feliċ qatt ma ltaqa' ma' San Injazju minn Loyola, il-fundatur tal-Ġiżwiti. Kamillu de Lellis kellu lil Filippu Neri bħala d-direttur spiritwali tiegħu, u kien imur spiss fil-kunvent tal-Kapuċċini fuq Monte Cavallo fejn kien jgħix Fra Feliċ.

### Il-Ħbiberija bejn iż-żewġ qaddisin

San Filippu Neri kien tal-istess età ta' Fra Feliċ għaliex it-tnejn twieldu fl-1515, għalkemm f'postijiet differenti. San Feliċ twieled f'Cantalice, filwaqt li San Filippu Neri twieled ġewwa Firenze. Anke l-isfond tagħhom huwa totalment differenti. Filippu li kien ġej mill-

familja Neri, kien studjuż, filwaqt li Feliċ kien bin il-bdiewa. Minkejja dan, meta dawn kienu jgħixu f'Ruma saru ħbieb kbar ta' xulxin.

Ix-xhieda ta' dawk li kitbu l-ħajja ta' Fra Feliċ jgħidulna li mhux l-ewwel darba li meta dan kien jiltaqa' ma' Filippu Neri, kien jinżel f'riġlejh ibuslu jdejh u jitlob il-barka tiegħu. U minħabba l-umiltà tiegħu, Filippu Neri kien jirrifjuta li jagħti din il-barka, minflok hu wkoll kien jinżel għarkupptejh quddiem Fra Feliċ.

Il-qaddis Kapuċċin kien spiss imur iżur lil Filippu Neri fil-knisja ta' San Girolamo della Carità, fejn kien jgħix P. Filippu. Hekk ukoll Filippu Neri kien spiss imur fil-kunvent tal-Kapuċċini f'Monte Cavallo, f'Ruma fejn kien jgħix Fra Feliċ sabiex jitkellmu flimkien fuq suġġetti ta' natura spiritwali u edifikanti. Spiss kienu jżuru morda fl-isptarijiet u fi djar, u bosta kienu l-mirakli li wettqu fuq dawn il-morda.

Minbarra dan, mhux l-ewwel darba li dawn iż-żewġ qaddisin iltaqgħu fit-toroq ta' Ruma. L-episodju l-aktar magħruf u li hu marbut mal-pittura li tinsab fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali tal-Floriana huwa dak li seħħ f'Zecca Vecchia, qrib Kastell Sant'Anġlu.



Skont xhieda ta' ċertu Rufino minn Siena, jum minnhom Fra Feliċ iltaqa' ma' Filippu Neri f'din iż-żona ta' Ruma. Fra Feliċ staqsa lil Filippu jekk kellux għatx. Filippu wieġeb iva, u Fra Feliċ qallu: "Issa naraw kemm inti umli." Fra Feliċ għalhekk ta lil Filippu biex jixrob miż-żaqq inbid li kien qed iġorr miegħu, kif turi l-pittura li hemm imwaħħla fis-Sagristija tal-knisja tal-Furjana. Bosta nies inġabru madwarhom u bdew jgħidu li qaddis kien qed jagħti x'jixrob lil qaddis ieħor.



Sadanitant, Filippu kompa jixrob u meta spiċċa qal lil Fra Feliċ: "Issa naraw jekk inti, intix umli." Kienu fi triqthom lejn Via dei Banchi. Filippu daħal f'ħanut u ħareġ minn hemm b'kappell aħmar tal-Kardinali, tefgħu f'ras Fra Feliċ li kompla miexi bħallikieku ma kien ġara xejn. Filippu baqa' miexi warajh flimkien ma' grupp ta' persuni u beda jinkih, jiddieħaq bih u jgħidlu: "Feliċ liebes kappell!" Dan kollu kompla sakemm Filippu ddeċieda li jneħħi minn fuq ras Fra Feliċ dal-kappell u qal: "O Fra Feliċ, għamluk Kardinal bil-kappell aħmar fuq rasek!" U Feliċ wieġbu: "Jekk dan jixraqli, ħallih; imma jekk le, ilbsu inti, għaliex aktar ikun jixraq lilek bħala studjuż." Dan kien il-mod kif anke l-qaddisin kienu jiċċajtaw ma' xulxin.

## Festi lil San Feliċ minn Cantalice fil-Furjana

Ladarba qegħdin nitkellmu minn dan il-kwadru artistiku fil-Furjana, tajjeb li nżidu wkoll x'ġara fil-Furjana meta dal-Kapuċċin fqajjar ġie ikkanonizzat. Skont it-tagħrif li jagħti Patri Pelaġju Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ (1708-1781) fil-Kronaka tal-ewwel snin tal-Kapuċċini f'Malta, miżmuma b'għożża fl-Arkivju tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana, naqraw li meta

San Feliċ ġie ikkanonizzat, il-Gran Mastro Ramon Perellos (1697-1720) waqqaf kappella żgħira ad unur ta' dan il-qaddis Kapuċċin fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana.




Għal din l-okkażjoni nħadmet ukoll statwa ta' San Feliċ minn Cantalice, xogħol ta' Maestro Rafel Morello, megħjun mill-iskultur Malti, Stefanin. Din l-istatwa ttieħdet b'mod privat fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fil-Belt Valletta minn fejn nhar il-Ħadd, 15 ta' Mejju 1712, festa tal-Pentekoste, saret il-Purċissjoni Solenni b'din l-istatwa sal-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana.

Matul din il-purċissjoni kien ħadu sehem il-fratellanzi, il-kleru sekulari u regulari, u l-Ven. Assemblea tal-Kappillani Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann, il-Gran Mastru Perellos u l-Gran Kruċi. Kif il-purċissjoni waslet fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana, l-istatwa ta' San Feliċ tqiegħdet fuq il-presbiterju, quddiem it-tron tal-Gran Mastru. Fit-tmiem ta' din iċ-ċelebrazzjoni tkanta t-Te Deum.

Sfortunatament, din l-istatwa nqerdet fl-aħħar Gwerra Dinjija meta l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana ġiet imġarrfa mill-bombi tal-għadu. Minkejja dan, iċ-ċilizzju tal-ħadid li kien jagħmel parti mid-dekorazzjoni ta' din l-istatwa, għadu esebit fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana. Meta reġgħet inbniet il-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana mill-ġdid, wieħed mill-artali tal-ġnub ġie ddedikat lil San Feliċ b'pittura mpittra minn P. Faustino Testaferrata OFMCap.

Tajjeb li nżidu wkoll li fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana hemm tliet pitturi taż-żejt fuq it-tila li juru lil dan il-qaddis, meqjus mill-Kapuċċini bħala l-fundatur kariżmatiku tal-Ordni.

